**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 30 – IT-TNEJN, IS-16 T’ APRIL 2026 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fil-boardoom

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dominic Cassar | Sindku |
| Pauline Vella Critien | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier (Minority Leader) |
| Carmelo Pace Taliana | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Norbert Dalli | Kunsillier |
| Salvu Debono | Kunsillier |
| Javier Caruana | Kunsillier |
| Noel Dimech | Kunsillier |
| Claire Calleja Zammit | Kunsillier |

Talba

## 1 Qari tal-ittri ta‘ Apoloġiji

Kulħadd kien preżenti

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sur Fenech talab li fuq punt 3.2 hu ma qabilx għall-fatt li huwa impossibli li żewġ proġetti differenti u jammontaw ugwalment għall-istess ammont.

2.2 Ħadd iktar ma kellu xi jżid, ippropona Salvu Debono u ssekonda Trevor Fenech. Qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Il-kunsill irċieva xi rapporti ta' ħsarat fil-karozzi li jridu kumpens tagħhom. Il-kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu li ma jonorax dawn il-claims. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

- **Pauline Vella Critien:- Tixtieq tistaqsi dwar is-survey li qed jagħmel il-Perit Pullicino u għala dan qed isir? U għala għad mhemmx risposta mingħandu fuq is-saqaf tal-mitħna?**
  Norbert Dalli qallha li l-perit ikkonfermalu li l-Lands għadhom ma tawhx risposta. Trevor Fenech issuġġerixxa li jsir kuntatt min-naħa tal-kunsill minħabba li kien hemm dak il-ftehim tar-renta, pero' is-saqaf bis-suppost huwa wkoll parti minn din il-propjeta' u m'għandhiex tkun ta' terzi persuni. Is-survey xi kommisjonat mill-perit Pullicino qed jagħmlu Mark Wright għaliex qabel ma jsiru x-xogħlijiet dan hu bżonn li jsir skont il-parir tal-perit. Hemm ukoll sitwazzjoni oħra fejn sid tal-propjeta' qed jgħid li l-area fejn hemm iċ-ċint huwa privat.

- **Noel Dimech:- talab il-lista tal-eżebituri fil-wirja tal-arti**
  Pauline Vella Critien, qaltlu li għad ma kellhiex ħin tagħmilha, pero' jekk fl-interess tiegħu kien jekk hux se jeżibita r-raġel tagħha Paul Vella Critien, ikkonfermat li s'issa ma kienx se jeżebwixxi. Hemm 16-il artist bi 3 biċċiet kull wieħed.

- **Lino Pace Taliana:- xtaq isaqsi jekk hux se ssir l-iscout tattoo u meta?**
  Norbert Dalli ikkonfermali li din iddaħlet bħala parti mill-applikazzjoni ta' Minn Pjazza għal Pjazza li għadhom iridu joħorġu r-riżultati, jekk San Ġwann ma jkunx magħżul, din tiġi diskussa għaliha.

- **Joan Farrugia :- trid issaqsi fuq parking fi Triq Gizi/Kampanell**
  Resident li joqgħod maġenb il-grawnd ikollu ilmenti għaliex ta' spiss ikun hemm karozzi ipparkjati quddiem il-garaxx tiegħu u talab jistax isir xi ħaġa. Trevor Fenech qal li l-liġi hi ċara għal kulħadd. Din staqsiet x'jista' jsir, Is-SE qalet li tista' tinforma l-community police u LESA sabiex

jagħmlu iktar rondi spissi fl-inħawi. IS-Sur Cassar qal li ma jsitax isir wisq għax lanqas bollards ma jistgħu jitqiegħdu għax jostakolaw l-entratura.

- **Anthony Mifsud Bonnici kellu diversi mistoqsijiet:**
- Talab jekk il-kunsill jistax jissussidja ikla tal-Mothers Day għall-anzjani? Il-mejda qablet li tissusidja 1000 minn din l-ikla għal attendenza ta' 100 ruħ hekk kif mitlub, l-aqwa li ma jkunx hemm tombla. Il-kunsill qabel ukoll li għandha tingħata tifkira f'ġieħ dan il-jum. Kien hemm qbil unanimu.
- Esprima xewqa li tiġi organizzata ġurnata Sqallija għall-istaff u kunsilliera tal-Kunsill. Kien suġġerit li jinġiebu kwotazzjonijiet u terġa tipi diskussa.
- Staqsa l-kunsill jekk jistax jagħmel proposta lill-kappillan sabiex ikollu f'idejh ċavetta taċ-ċentru? Is-Sindku m'aċċettax li din iċ-ċavetta għandha tinżamm il-kunsill, is-Sa Calleja qaltlu li ser ikun qed jerfa' responsabbilta' żejda fuqu u li m'għandux għala jkollu. Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill m'għandux ikun hemm ċavetta taċ-ċentru parrokjali.

## 5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 24

5.1 Dwar Nru 10. Joan Farrugia staqsiet dwar l-ispiża tar-renta tac-cherry picker. Is-SE infurmathom li bagħtitilhom l-breakdown tal-ispejjeż għaliex dawn ġew minfuqa għall-armar u żarmar tad-dekorazzjoni tal-Milied madwar San Gwann. Ġie suġġerit li għal drabi li jmiss ic-cherry picker għandu jitqabbad mill-kunsill. Norbert Dalli qal ukoll li l-kunsill għandu jiltaqa' magħhom individwalment u jsir meeting tal-ispejjeż kollha li jinħarġu u li l-kunsill jintalab iħallas għalihom biex jiġu evitati dawn is-sitwazzjonijiet. Trevor Fenech qal li hu kien jagħmel pakkett u jinqasam bejn kulħadd.

5.2 Ħadd iktar ma kellu xi jżid. Norbert Dalli ippropona li din l-iskeda tiġi approvata u ssekonda Salvu Debono.

## 6 Rapport tas-Sottokumitat

Il-Kunsillier Lino Pace Taliana ikkonferma li ma kellux rapport għal dan ix-xahar.

## 7 Aġġornament: Tender Public Convenience

7.1 Is-SE spjegat dak li kien hemm fid-draft tat-tender u li mxiet skont dak li kien mitlub u li dan it-tender kien se jinkludi fih attendant għas-sigħat ta' filgħaxija. Is-Sur Fenech qal li dan impossibli li jinżamm jew li ssib kuntrattur min hu interessat għalih għaliex apparti dawn is-sigħat x'sigħat iktar kienu se jiġu allokati. Ġie maqbul li mit-Tnejn sal-Ġimgħa għandu jkun hemm attendant għal-25 siegħa u s-Sibt u l-Ħadd għall-15-il siegħa. Dawn il-ħinijiet għandhom jingħataw mill-kunsill wara li ssir osservazzjoni

tal-ħinijiet li l-iktar ikun hemm bżonn. Is-Sur Fenech qal ukoll li l-ħlas għandu jkun konformi mal-ammonti skont il-liġi.

**8 Aġġornament: Skemi Finanzjament 2026 – Attivitajiet u Proġetti;**

8.1 Is-SE infurmathom li saret is-sottomissjoni ta' dawn l-attivitajiet skont kif maqbul fil-laqgħa 29.

**SPI.SCI.01.2026 -** Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026
**SPI.SCI.02.2026 -** Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026

Ser tkun qed taħdem fuq dawn is-sottomissjonijiet fil-ġimgħat li ġejjin.
**SPI.SCI.03.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026
**SPI.SCI.04.2026 -** Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
**SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027

Fakkrithom li jonqoshom jikkunsidraw din l-iskema.
**SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità **(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026). finanzjament ta' massimu ta' €100,000 (inkluż il-VAT) +15% kontribut mill-kunsill.**

- Minħabba l-ħsieb u l-valur tal-proġett din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

8.2 Infurmathom ukoll li hemm skema ġdida bejn Animal Welfare u Project Green dwar Dog Park u Cat Cafe u minħabba r-rekwiżiti tagħha l-kunsill jista jikkunsidra li jissottometti applikazzjoni għall-embellishment tad-dog park. Is-Sur Cassar talab il-mejda jekk kienx hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jitfa' l-applikazzjoni għal dan l-embellishment. Kien hemm qbil unanimu.

**9 Skema Animal Welfare x Project Green – Cat Café/Dog Park**

9.1 Is-SE Infurmathom li hemm skema ġdida bejn Animal Welfare u Project Green dwar Dog Park u Cat Cafe u minħabba r-rekwiżiti tagħha l-kunsill jista jikkunsidra li jissottometti applikazzjoni għall-embellishment tad-dog park. Is-Sur Cassar talab il-mejda jekk kienx hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jitfa' l-applikazzjoni għal dan l-embellishment. Kien hemm qbil unanimu.

**10 Proposta: Sports Awards 2026**

10.1 Is-Sur Fenech ressaq proposta sabiex għal din is-sena jerġgħu jsiru s-San Ġwann Sports Awards f'kollaborazzjoni mas-San Gwann FC, din tirrikonoxxi l-isportivi Ġwanniżi li għamlu isem tajjeb għal-lokalita' b'mod Nazzjonali u Internazzjonali, dawn jittellgħu nhar il-Gimgħa 8 ta' Mejju u wara li kienu diġa nġiebu xi kwotazzjonijiet u skont l-istima tas-sena l-oħra din is-sena hemm bżonn ta' massimu ta' €12,000. Is-Sa Vella Critien staqsiet kif minn 6,000 dawn telgħu €12,000, Trevor qallha li dan minħabba li s-sena l-oħra kien hemm xi spejjeż li ma ġewx inklużi fl-ammont mitlub, inkluż it-trofej u s-sistema awdjoviżiva. Lino Pace Taliana staqsa kif dawn ir-rebbieħa ser jiġu

kkunsidrati, is-Sur Fenech qal li l-MOC ser tgħaddi l-lista ta' nies mil-lokalita' li kisbu suċċessi f'dixxiplini differenti. Ser issir ukoll Press Call fit-2 ta' Mejju fejn fiha għandu jattendi s-Sindku.

10.2 Is-Sindku talab lill-mejda sabiex jagħtu l-vot tagħhom dwar jekk il-kunsill għandux ikun parti minn din il-kollaborazzjoni. Ippropona Trevor Fenech issekondat Joan Farrugia. Favur: Javier Caruana, Anthony Mifsud Bonnici, Claire Calleja, Noel Dimech, Salvu Dimech, Norbert Dalli, Dominic Cassar. Mhux Favur: Pauline Vella Critien, Lino Pace Taliana. Din l-attivita' ġiet ivvutata favur li għandha ssir u tiġi allokata s-somma ta' €12,000

,

**11 Proposta Carshow**

11.1 Il-kunsill irċieva proposta ta' kull sena sabiex jingħata permess u jikkollabora għal carshow, din is-sena ser tittella' fil- 31 ta' Mejju fi Vjal ir-Rihan.

11.2 Is-Sindku talab lill-mejda sabiex tivvota jekk hix favur li l-kunsill jikkontribwixxi għal din l-attivita' għall-ammont bħal snin ta' qabel ta 2500. Kien hemm qbil unanimu.

**12 Proposta: Mertu San Ġwann**

12.1 Is-Sur Dalli, informal ill-mejda li ser jinbdew il-preparamenti ta' Mertu San Ġwann li jingħata f'JumSan Gwann fl-24 ta' Ġunju. Is-sottomissjonijiet tan-nominazzjonijiet ser jinfetħu fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju sad-29 ta' Mejju sabiex umbagħad għal sena oħra jiġi nfurmat il-bord magħmul minn Charles Saliba, l-Avukat Dr Joseph Schembri u Tony Micallef. In-nominazzjonijiet ma jistgħux isiru mill-membri tal-kunsill u għandhom jiġu sottomessi skont il-linji gwida. Kien hemm qbil unanimu.

**13 Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

13.1 Is-SE infurmathom li bħala talba mid-DG kull kunsill għandu jinnomina lil membru tal-istaff fi skala 10 jew inqas sabiex ikun Deputat SE, jekk dan ma jsirx id-DG jinnomina 'l xi ħadd hu. Għalhekk infurmat il-mejda li kien hemm qbil li tinnomina lis-SA Charmaine Gauci.

13.2 Is-Sur Dalli staqsa għaliex Nadia Fenech ma kinitx nominate wkoll minħabba li hi tieħu preċedenza. Is-SE infurmathom li ż-żewġ impjegati huma ta' valur għall-ħidma tal-kunsill u t-tnejn li huma għandhom l-istess skala. Id-deċiżjoni ġiet abbażi li s-Sa Fenech diġa' kienet Deputat SE u min jedda kienet tefgħet ir-riżenja tagħha għal din il-pożizzjoni u għalhekk ma kinx jagħmel sens li din terġa tiġi nominata għal din il-pożizzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-19:00 u l-laqgħa li jmiss se ssir fit-11 ta' Mejju fil-17:30

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Gaynor Bajada** | **Dominic Cassar** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |